14 ta' Diċembru, 1956

**Imħallfin:**

**Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;***
**Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., LL.D.**
**Chev. Onor. Dr. W. Harding, B. Litt., LL.D.**

A.I.C. Carmelo Falzon *versus* William Galea et.

## War Damage Commission — Rifużjoni ta' Indebitu — Perit — Surroga — Mandat — Ċitazzjoni — Kawżali — Art. 1209(c), 1981, 1982, u 1976(1) tal-Kodiċi Ċivili

*Il-lokuzzjoni "għal kwalunkwe titolu u kawża oħra valida fil-liġi", adoperata fiċ-ċitazzjoni, ma tintitolax lill-attur li jirradika l-azzjoni tiegħu fuq xi kawżali oħra li ma tkunx minnu speċifikatament indikata fiċ-ċitazzjoni.*

*Min iħallas "bħala obligat ma' oħrajn jew għall-oħrajn" huwa, b'liġi, surrogat fid-drittijiet tal-kreditur li ġie mħallas. Għaldaqstant perit li kareġ "mandati" taħt ir-responsabbiltà finanzjarja tiegħu personali, biex fuqhom il-War Damage Commission tħallas il-kumpens dovut għall-ħsara tal-gwerra lill-"claimant", u wara jirriżulta li fuq dawk il-mandati l-"Commission" tħallas aktar mill-ammont tal-kumpens li mbagħad jirriżulta dovut, u l-perit jirrifondi lill-Kummissjoni dak l-eċċess bħala indebitu, il-perit hu surrogat fid-drittijiet tal-Kummissjoni għar-rifużjoni ta' dak l-eċċess; u għalhekk huwa għandu d-dritt jirreklama r-restituzzjoni tassomma tal-indebitu, minnu rifuża lill-Kummissjoni, minn għand il-"claimant" bis-saħħa ta' dik is-surroga.*

*Jekk sid il-fond danneġġjat kien qabbad kuntrattur biex jagħmillu x-xogħlijiet tat-tiswija tal-ħsara tal-gwerra, u kien taħ il-fakoltà li jitħallas direttament mill-War Damage Commission, u dan il-kuntrattur iqabbad il-perit biex jiddiriġi x-xogħlijiet, u bil-kunsens tas-sid jinkarika lil persuna oħra biex tidher bħala "claimant" quddiem il-"Commission" u tirċievi l-kumpens li tħallas dik il-Kummissjoni, din il-persuna l-oħra tirċievi dak il-kumpens bħala mandatarju ta' sid il-fond, billi l-kwalità ta' mandatarju ta'*

*dik il-persuna l-oħra kienet nota lill-partijiet interessati; b'mod illi, jekk dak il-mandatarju jkun aġixxa fil-limiti tal-mandat li kellu, ir-rifużjoni tal-indebitu hija dovuta minn sid il-fond bħala mandant. Għax il-mandatarju ma jikkuntrattax obligazzjonijiet favur it-terzi, u jorbot biss il-mandant, sakemm huwa jkun aġixxa fil-limiti tal-mandat.*

*Għaldaqstant, f'dawn iċ-ċirkustanzi, l-azzjoni tal-perit għar-rifużjoni tal-indebitu minnu mħallas lill-War Damage Commission mhix sostnuta kontra dak il-mandatarju. U dan langas taħt ir-rifless illi l-perit, meta ħareġ il-"mandati" fuq ir-responsabbiltà finanzjarja tiegħu personali, kien qiegħed b'daqshekk jassumi garanzija għall-"claimant"; għax dik il-garanzija saret in definittiva favur il-mandant sid il-fond, li kien il-veru titolari tal-"claim".*

*Il-kwistjoni jekk il-kuntrattur għamilx jew le x-xogħlijiet kollha li kellu jagħmel u li għalihom ħallset il-Kummissjoni; dik jekk fil-konteġġi bejn is-sid u l-kuntrattur dan jirriżultax debitur jew kreditur; dik jekk kienx hemm xi lokupletazzjoni indebita favur is-sid; dik jekk l-eċċess spiċċax in definittiva fil-but tal-kuntrattur; huma kollha kwistjonijiet li jibqgħu impreġudikati bejn is-sid u l-kuntrattur, u ma għandhomx x'jaqsmu mat-talba tal-perit għar-rifużjoni tas-somma li hu ħallas lill-Kummissjoni fl-interess tas-sid; u għalhekk il-pożizzjoni ġuridika tissintetizza ruħha filli s-somma tal-indebitu tħallset mill-Kummissjoni lis-sid per mezz tal-mandatarju, u din is-somma l-perit għandu jeħodha b'effett tas-surroga tiegħu fid-drittijiet tal-Kummissjoni, u l-perit għandu d-dritt li jirreklama s-somma tal-indebitu minn għand is-sid.*

*Il-fatt li quddiem il-Kummissjoni kien jidher bħala "claimant" il-mandatarju għal konvenjenzi dipartimentali ma jaltera qatt ir-regoli tal-mandat u l-effetti ġuridiċi ta' dawk ir-regoli; u l-indebitu jintalab kontra min irċevieh; u ladarba s-somma rċeviha s-sid permezz tal-mandatarju, għandha tintalab kontra s-sid.*

*Dan id-dritt tal-perit kontra s-sid hu anki radikat fuq il-fatt li hu ħallas, b'effett tal-assunzjoni kontrattwali inkorporata fil-kliem "on my own financial responsibility", dejn li diversament kien ikollu jħallas is-sid.*

*Il-fatt li talvolta l-perit ma qagħadx attent biżżejjed fir-redazzjoni tal-"claim" ma jistax ineħħilu d-dritt għar-rifużjoni tal-eċċess*

*minnu magħmul lill-"Commission"; jista', se maj, iġib għal responsabbilitajiet u sanzjonijiet oħra taħt il-War Damage Ordinance, imma ma jistax ibiddel il-pożizzjoni ġuridika fuq delineata. L-anqas ma jimmilita kontra tiegħu l-fatt li hu ħallas l-indebitu mingħajr ma kkontestaħ, jekk hu kien obligat iħallas minnufih, u seta' jikkontestaħ biss wara li jkun għamel ir-rifużjoni; u dan aktar u aktar jekk huwa ħallas bi protesta, b'mod li ma ppreklida lil ħadd biex jikkontesta l-indebitu.*

Il-Qorti; — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li biħ l-attur, wara li ppremetta illi l-konvenut Galea huwa l-proprjetarju tal-bini f'Ħaż-Żabbar, Redeemer Street, numri 13, 15, 17 u 19, li kienu milquta mill-ħidma tal-għadu, u għalihom saret il-"claim" numru 39829/2701/44 għan-nom talkonvenut Dingli, kuntrattur tal-konvenut Galea; u iżjed tard, il-War Damage Commission, b'awtorizzazzjoni talkonvenut Galea, ġiet awtorizzata, bil-kunsens ta' Dingli, li tħallas lill-konvenut Dr. D'Agostino l-mandati għax-xogħolijiet li kellu joħroġ huwa fuq ir-responsabbiltà tiegħu proprja; u illi huwa ppreżenta, skond l-informazzjonijiet lilu mogħtija mill-konvenut Dingli, l-iskeda oriġinali deskrittiva, in preżenza wkoll tal-konvenut Galea, li kien anki preżenti waħdu fl-"inspection" li huwa għamel; u illi l-iskeda, skond is-sistema ta' meta saret, kienet biss deskrittiva u bla prezzijiet, u l-konvenut Dingli aktar tard informa l-War Damage Commission u lilu illi t-tinda kompriża fl-iskeda oriġinali kienet tiswa £800, u għalhekk, huwa, filprospett li bgħat mal-kontijiet finali, indika l-istess tinda bħala li għandha l-valur ta' £800, u bagħat lill-War Damage Commission il-kontijiet tan-nefqa li saret, peress illi l-fondi ma ġewx rikostruwiti bħal ma kienu qabel, imma b'diversi miljoramenti u innovazzjonijiet, u ntant it-tinda ma reġgħetx inbniet; u illi fuq il-firma u r-responsabbiltà tiegħu ġew imħallsa lill-konvenut Dr. D'Agostino mill-War Damage Commission tliet ammonti ta' £800, £800, u £200 rispettivament, b'kollox £1,800, li tagħhom huwa rrenda ruħu responsabbli u garanti lejn il-War Damage Commission a favur tal-istess Dr. D'Agostino:

U illi l-War Damage Commission, b'ittra tas-16 ta' Frar 1951, li però waslet għandu fid-19 ta' Frar 1951, iddeċidiet illi mit-£800 tal-imsemmija tinda aċċettat li tħallas biss £68. 11. 7d, u mill-injam naqqset £114. 17. 2d, barra riduzzjoni analoga fl-onorarju tiegħu;

U illi huwa, fuq interpellazzjoni tal-War Damage Commission, kontenuta fl-istess ittra, irrifonda lit-Teżorier tal-Gvern is-somma ta' £523. 18. 1d—eċċess li rriżulta mħallas lill-konvenut Dr. D'Agostino fuq il-mandati li huwa ffirma bħala direttur tax-xogħolijiet fuq imsemmija; u illi huwa jinsab, in vista' ta' din ir-rifużjoni, surrogat fid-drittijiet u azzjonijiet tal-War Damage Commission għar-restituzzjoni tal-imsemmi indebitu ta' £523. 18. 1;

U illi l-flus irċevihom il-konvenut Dr. D'Agostino, skond il-mandati li kopja tagħhom tinsab hawn annessa, markati bl-ittri PS, QR, LM; u l-konvenut Galea ħallas bl-istess eċċess benefikati li saru fi ħwejġu mill-konvenut D'Ingli, fil-waqt illi huwa ma għandu qatt ibati s-somma rifuża lit-Teżorier tal-Gvern; u illi Dr. D'Agostino huwa responsabbli lejħ għall-flus kollha li rċieva f'każ li ma kienux dovuti;

Talab illi, previja kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja u provvediment opportun, il-konvenuti jiġu kundannati, kollha jew min minnhom jirriżulta debitur, iħallsuh is-somma ta' £523. 18. 1, in restituzzjoni ta' dak l-istess ammont li huwa kien obligat jirrifondi, kif irrifonda, lit-Teżorier tal-Gvern kif intqal fuq; u dan (1) sija bħala pagament indebitu li sar lill-konvenut Dr. D'Agostino mill-War Damage Commission jew mit-Teżorier tal-Gvern; (2) sija bħala lokupletazzjoni li gawda l-konvenut William Galea fi ħwejġu, li bl-istess ammont għamel miljoramenti u aġġunti fi ħwejġu, u li għalihom huwa ħareġ l-istess ammont bħala rifużjoni lill-War Damage Commission; (3) sija bħala somma rifondibbli lilu, li bħala garanti tal-"claimant" ħallas lill-istess Kummissjoni, u għalhekk għandu regress għaliha kontra d-debitur garantit; (4) u sija bi kwa-

lunkwe titolu u kawża oħra valida fil-liġi. Bl-imgħax tal-5% minn notifika ta' dan l-att sal-pagament; u bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-protest tal-24 ta' Frar 1951 u tar-riprotest. Il-konvenuti ġew inġunti għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-17 ta' Jannar 1956, li biha ddeċidiet billi rrespinġiet it-talba tal-konvenut Dr. D'Agostino kontenuta fin-nota tal-eċċezzjonijiet tiegħu, bl-ispejjeż kontra l-istess konvenut, u billi rrespinġiet it-talba tal-attur, bl-ispejjeż kontra tiegħu; b'riżerva lilu ta' kull azzjoni, "si et quatenus", għad-danni kontra l-konvenut Emmanuele Dingli; wara li kkunsidrat;

Illi l-konvenut Galea huwa l-proprjetarju tal-fondi msemmijin fiċ-ċitazzjoni, billi kien xtrahom fis-sena 1946, meta kienu bil-ħsara tal-gwerra. Fid-9 ta' April 1947 huwa nkarika lill-konvenut Dingli biex, bħala kuntrattur, jagħmillu fihom ix-xogħlijiet ta' rikostruzzjoni, u awtorizzaħ biex jidher bħala "claimant" mal-War Damage Commission, u konsegwentement biex jitħallas direttament lilu kull kumpens li kellha tagħti dik il-Kummissjoni;

L-inkariku kien illi l-konvenut Dingli kellu jagħmel ix-xogħolijiet kollha bil-flus li tħallas il-War Damage Commission, b'żieda ta' £150 rigal minn għand il-konvenut Galea; li kellu jħallas ukoll ix-xogħlijiet "extra", jiġifieri dawk li ma kienux dovuti għall-gwerra, separatament;

Il-konvenut Dingli inkarika bħala perit direttur għal dawk ix-xogħolijiet lill-attur;

Fis-6 ta' Awissu 1949, waqt illi x-xogħol kien miexi — u dan taħt is-sistema antik tal-War Damage Commission, meta fil-bidu kienet tinbagħat skeda "unpriced" lil dik il-Kummissjoni, u meta kien għadu ma sar ebda ħlas mill-War Damage Commission, il-konvenut Galea, fuq talba tal-konvenut Dingli, ħassar awtorizzazzjoni li kien ta lil dana l-konvenut, u awtorizza lill-istess Kummissjoni biex l-ammont kompensabbli li kellha tħallas lill-konvenut Dingli tħallsu lill-konvenut Avukat Dr. D'Agostino;

Ix-"schedule of works", mingħajr prezzijiet, ġiet mibgħuta lill-imsemmija Kummissjoni meta kien għadu jidher

bħala "claimant" il-konvenut Dingli. Minn dak inhar li beda jidher bħala "claimant" quddiemha l-konvenut Dr. D'Agostino, il-War Damage Commission bdiet tikkorrispondi miegħu, u, naturalment, mal-attur, bħala perit direttur tax-xogħol; u konsegwentement lill-istess konvenut Dr. D'Agostino ħallset, fuq tliet mandati maħruġa taħt ir-responsabbiltà tal-attur u f'isem l-imsemmi konvenut Dr. D'Agostino, tliet mandati, ta' £800, £800, u £200, jew b'kollox £1800; u dan sar billi l-attur kien bagħat kontijiet ta' xogħol li dik il-Kummissjoni li ngħad li kien sar — "carried out" — fl-ammont ta' £2158, li ġie approvat mill-Kummissjoni;

Fis-16 ta' Frar 1951, il-War Damage Commission infurmat b'ittra lill-attur — u kopja ta' dik l-ittra ġiet mibgħuta lill-konvenut Dr. D'Agostino — illi s-somma kompensabbli għax-xogħlijiet ta' rikostruzzjoni fil-fondi fuq imsemmija kienet ta' £1,276. 1. 11., u għalhekk talbet ir-rifużjoni minn għandu ta' £523. 18. 1, bħala li kienet ġiet imħallsa b'eċċess "on the strength" tal-mandati li huwa kien bagħat;

Ir-raġuni addotta mill-Kummissjoni għar- rifużjoni ta' dik is-somma kienet din:— Fl-iskeda tax-xogħolijiet "priced" li l-attur kien bagħat lill-Kummissjoni kien inkluda dak ix-xogħol li huwa ddikjara illi kien sar f'lok tinda, li huwa indika, fil-prezz ta' £800, bħala li kienet teżisti fil-fondi qabel ma waqgħu, u li minflokha saru xogħolijiet oħra. Il-Kummissjoni kienet stmat ix-xogħol li sar minflok it-tinda fis-somma ta' £592. 9. 8, u ħarġet favur il-konvenut Dr. D'Agostino dak l-ammont. Imma, meta in segwitu saru l-verifiki, ġie konstatat illi dik it-tinda ma kienetċ saret, u x-xogħol li sar f'lokha kien jiswa biss, b'kollox, £68. 11. 7, u għalhekk talbet ir-rifużjoni ta' £523. 18. 1;

Fis-26 ta' Frar 1951, din is-somma mitluba mill-War Damage Commission, ġiet imħallsa mill-attur, li issa qiegħed jitlob li jħallsuhielu l-konvenuti;

Illi l-attur jibbaża t-talba tiegħu għar-rifużjoni tas-somma ta' £523. 18. 1 fuq erbgħa kawżali:— (a) bħala pagament indebitu li sar lill-konvenut Dr. D'Agostino mill-

War Damage Commission jew mit-Teżorier tal-Gvern; (b) bħala lokupletazzjoni li gawda l-konvenut Galea fi ħwejġu, li bl-istess ammont għamel miljorament u aġġunti fi ħwejġu, u li għalihom huwa ħareġ l-istess ammont bħala rifużjoni lill-War Damage Commission; (c) bħala somma rifondibbli lilu, li bħala garanti tal-"claimant" ħallas kontra d-debitur garantit; (d) u bi kwalunkwe titolu u kawża oħra valida fil-liġi;

Illi l-pretensjoni tal-attur fuq l-ewwel kawżali, li ċertament tirrigwarda biss lill-konvenut Dr. D'Agostino, mhix sostenibbli. Hemm lok għall-"indebiti solutio" meta xi ħadd, bi żball, iħallas dak li mhux dovut la ċivilment u lanqas naturalment, jew iħallas dak li hu dovut imma mhux minnu, jew iħallas dak li hu dovut, anki minnu, imma mhux lil dak li lilu hu dovut (art. 1,064 u 1,065 Kod. Ċiv.). Minn dan jidderiva illi tlieta huma l-każi ta' ħlas ta' indebitu, jew (a) meta l-ħlas bl-ebda mod ma hu dovut, jew l-indebitu "ex re", (b) meta l-ħlas mhux dovut minn min iħallas, (c) jew mhux dovut lil min ġie bih imħallas, jew l-indebitu "ex personis". F'kull wieħed minn dawn il-każi jkun hemm il-kważi-kuntratt tal-pagament tal-indebitu, li rekwiżiti tiegħu huma (1) il-pagament, (2) l-indebitu, (3) l-iżball ta' min ħallas. Fil-każ taħt konsiderazzjoni, skond il-pretensjoni tal-attur, jittratta mit-tieni wieħed mil-każi msemmijin;

Illi mhux kontrovers illi l-pagament għamlu l-attur. Skond l-istess attur, dan il-pagament kien dovut lill-War Damage Commission, ladarba huwa ħallsu mingħajr ma kkontesta xejn il-pretensjoni ta' dik il-Kummissjoni fuqu. Għalhekk, mit-tliet rekwiżiti li ssemmew jibqa' illi jiġi eżaminat biss it-tielet wieħed, dak tal-iżball, jiġifieri jekk kienx hemm żball da parti tal-attur meta ħallas dik is-somma lill-imsemmija Kummissjoni;

Ir-rekwiżit tal-iżball ta' minn ħallas hu meħtieġ għaliex min ħallas dak li ma għandux iħallas, meta jaf li ma għandux iħallas, ma għandux dritt li jieħu lura dak li ħallas, għaliex meta jħallas b'dan il-mod huwa ma jkunx irid jagħmel ħaġ'oħra ħlief jiddona. Lanqas għandu dritt għar-rifużjoni ta' dak li jkun ħallas min, meta fil-ħin li jkun

ħallas, kien jaf illi mhux huwa, imma ħadd ieħor, kellu jħallas; u f'dan il-każ, min iħallas ikollu biss dritt ta' regress kontra l-veru debitur. Fil-każ taħt konsiderazzjoni, l-attur ma ħax żball meta rrifonda lill-War Damage Commission l-imsemmija somma ta' flus, fis-sens illi huwa kien jaf li dik is-somma kienet dovuta minnu bħala responsabbli quddiem dik *il-Kummissjoni* (fol.60 tergo), għalkemm, skond kif kien u għadu jidhirlu, ma kienetx realment dovuta minnu, imma mill-konvenut Dr. D'Agostino, billi kien dan li rċieva dik is-somma mill-War Damage Commission. Għalhekk ma kien hemm l-ebda żball f'dak il-ħlas minn naħa tal-attur. Lięma żball, fid-Dritt Ruman u fid-dottrina antika, kien dejjem rekwiżit indispensabbli għall-"condictio indebiti", speċjalment meta jkun jittratta, bħal ma f'dan il-każ ingħad, minn indebitu "ex personis";

Illi, rigward it-tieni kawżali, il-pretensjoni tal-attur fuq din il-kawżali hi diretta kontra l-konvenut Galea; u lanqas ma hi sostenibbli. Biex ikun hemm il-lokupletazzjoni hemm bżonn ta' tliet rekwiżiti: l-arrikkiment, il-vinkolu tal-kawżalità, u l-karattru nġust tal arrikkiment (Baudry-Lancantinerie, Obbligaz. IV, para.2489). Ma jidherx li kien hemm arrikkiment da parti tal-konvenut Galea bis-somma fuq imsemmija. Hu kien ta lill-konvenut Dingli l-appalt għar-rikostruzzjoni tal-fondi fuq imsemmijin taħt ċerti kondizzjonijiet, fosthom dik li dan jagħmel fihom xi alterazzjonijiet bil-flus *li* tħallas il-War Damage Commission, b'żieda minn tiegħu bħala rigal ta' £150, u bil-ħlas, minn tiegħu wkoll, ta' dak ix-xogħol addizzjonali jew "extra". L-attur ma ppruvax, almenu biżżejjed, illi x-xogħolijiet "extra" ndikati fil-fol.6 tal-proċess saru bl-imsemmija somma ta' flus. Jekk kien hemm lokupletazzjoni, din ma saretx b'*konsegwenza ta'* xi *att tal-attur, imma saret b'kon*segwenza ta' kuntratt li sar bejn il-konvenuti Galea u Dingli, u li fiħ l-attur ma daħal b'xejn, billi, kif ingħad, huwa ġie nkarikat mill-konvenut Dingli. Għalhekk, din il-lokupletazzjoni tal-konvenut Galea, jekk hemm, ma kienetx inġusta fir-rapporti bejn il-konvenut Galea u l-attur. Mbagħad, *il-benefikati edilizji li saru l-konvenut Galea* kel-

lu *jirċevihom* kollha minn għand il-konvenut Dingli in forza tal-kuntratt ta' bejniethom, u ndipendentement millftehim li sar bejn il-konvenut Dingli u l-attur; b'mod illi, jekk kien hemm xi lokupletazzjoni, din kienet da parti tal-konvenut Dingli, li eżegwixxa x-xogħol kif miftiehem mal-konvenut Galea, u tħallas tiegħu aktar milli kien imissu minħabba xi informazzjonijiet żbaljati li ta lill-attur, li huwa nkarika biex jiddiriġi x-xogħol, u li l-attur, tajjeb jew ħażin, aċċetta bħala korretti. Il-konvenut Dingli qal illi tax-xogħol "extra" l-konvenut Galea ħallsu kollox (fol.129 tergo);

Illi, dwar it-tielet kawżali, il-pretensjoni tal-attur fuq din il-kawżali tirrigwarda lil min mill-konvenuti kien il-"claimant". Kif jirriżulta mill-provi (fol.55), il-"claim" għall-ewwel, fid-9 ta' April 1947, kien sar f'isem il-konvenut Dingli, li ġie awtorizzat mill-konvenut Galea, proprjetarju tal-fondi, biex jirċievi kull kumpens li tħallas il-War Damage Commission. In segwitu, u wara illi l-attur, fis-17 ta' April 1947, kien bagħat ix-"schedule of works", magħmul minnu, f'isem il-konvenut *Dingli, u huwa ġie nfurmat mill-*Kummissjoni illi l-istess skeda kienet ġiet approvata fis-6 ta' Awissu 1947, il-konvenut Galea ħassar dik l-awtorizzazzjoni għar-riċeviment tal-kumpens lill-konvenut Dingli, u minflok awtorizza lill-konvenut Dr. D'Agostino biex jirċievi dak il-kumpens (fol.55 tergo), u allura l-Kummissjoni bdiet tikkunsidra bħala "claimant" lil dana l-konvenut;

Anki l-attur beda jikkunsidra lill-konvenut Dr. D'Agostino bħala "claimant"; tant illi fl-iskeda l-oħra taxxogħolijiet, u fil-mandati għall-ħlas ta' *kumpens li huwa* bagħat lill-Kummissjoni wara l-imsemmija data, huwa dejjem indika lil dana l-konvenut f'dik il-kwalità (fol.70 tergo, 12, 13 u 14). Sakemm tħassret l-awtorizzazzjoni favur il-konvenut Dingli, il-War Damage Commission kienet għadha ma ħallset xejn; il-ħlasijiet kollha li saru ġew awtorizzati fuq mandati li għamel l-attur f'isem il-konvenut Dr. D'Agostino bħala "claimant", u konsegwentement wara illi l-konvenut Galea għarraf lill-Kummissjoni illi huwa kien ħassar *l-awtorizzazzjoni favur il-konvenut Dingli u awto-*

rizzaha tħallas lill-konvenut Dr. D'Agostino. B'dan il-mod, il-konvenut Dingli ma tħallas xejn minn għand il-Kummissjoni (fol.103);

Minn dan jidher illi, di fronti għall-War Damage Commission, il-konvenut Galea qatt ma kien "claimant", imma "claimant" kien għall-ewwel il-konvenut Dingli, u in segwitu l-konvenut Avukat Dr. D'Agostino. Effettivament, kif ingħad, kien dan il-konvenut li ġie ndikat bħala "claimant" fit-tliet mandati, l-uniċi, li l-attur bagħat lill-imsemmija Kummissjoni (fol.12, 13 u 14);

Għalhekk din il-pretensjoni tal-attur għandha titqies diretta kontra l-konvenut Avukat Dr. D'Agostino;

Illi l-attur ma jidherx li kien garanti ta' dana l-konvenut. Il-garanzija ma tistgħax tkun preżunta, iżda għandha tkun espressa (art. 2033 Kod. Ċiv.), u l-attur bl-ebda mod ma pprova illi bejnu u l-konvenut Dr. D'Agostino kienet ġiet kuntratta xi garanzija. Hu veru illi, skond kif deher mix-xhieda tal- P.L. Ellul, il-War Damage Commission aktarx illi daret fuq l-attur biex jirrifondilha dik issomma minflok fuq il-konvenut Dr. D'Agostino, bħala "claimant", għaliex dak kien u, kif jidher, għadu l-użu talistess Kummissjoni meta jkun hemm lok ta' xi rifużjoni. Però, kif jidher mir-relattiva ittra tal-Kummissjoni, ir-rifużjoni ntalbet lill-attur ukoll għaliex kull somma li l-konvenut Dr. D'Agostino rċieva mill-Kummissjoni, ġiet mibgħuta lilu mill-istess Kummissjoni fuq ir-responsabbiltà tal-istess attur, "on the strength" tal-mandati tiegħu (fol. 15 tergo). Wara kollox, il-konvenut Dr. D'Agostino ma rax l-iskeda tax-xogħolijiet li għamel l-attur; u jekk dana kien jaf illi dik l-iskeda magħmula minnu, u x-xogħolijiet li huwa ddeskriva bħala li kieku saru, "all carried out", kienu veri u reali, huwa ma kienx imissu jħallas lill-Kummissjoni dik is-somma, jew almenu kellu jiddepożitaha biex il-kwistjoni kollha tiġi ventilata regolarment bejn il-Kummissjoni, bejnu u l-konvenut Dr. D'Agostino, almenu, jekk mhux ukoll bejn il-konvenuti l-oħra;

Illi, dwar ir-raba' kawżali, l-attur ma ġieb il-quddiem ebda raġuni oħra b'sostenn tal-pretensjoni tiegħu min-

barra r-raġunijiet li ġew imsemmija rigward it-tliet kawżali l-fuq indikati, u għalhekk ma tistgħax tittieħed konsiderazzjoni tal-istess pretensjoni fuq din il-kawżali hekk ġenerikament espressa. Frażi bħal din, li tammonta għall-oħra "għal kull raġuni oħra li tirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża", għandha tiġi kunsidrata bħala mhix mitluba, u ma għandiex ikollha valur; għaliex il-kawżali għandha tkun espressa b'mod ċar u preċiż fiċ-ċitazzjoni (Vol. XXIX-I-1478; XXXIV-I-108);

B'dan kollu, jista' jingħad illi l-attur ma jistgħax jilmenta għall-ħsara minnu pretiża. Skond il-liġi, kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bil-ħtija tiegħu (art. 1070 Kod. Ċivili); u jitqies fi ħtija kull min f'għemilu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja (art. 1075(1) Kod. Ċivili). Jirriżulta illi s-somma ta' flus li l-attur kellu jirrifondi lill-War Damage Commission ġiet imnaqqsa minn dina l-Kummissjoni billi deħrilha illi t-tinda li l-attur fl-iskeda tax-xogħolijiet niżżel bħala li kienet teżisti fil-fondi qabel ma waqgħu bil-gwerra, u li kienet tiswa £800, ma kienetx fil-fatt teżisti. Skond ix-xhieda tiegħu stess, l-attur jammetti illi għar-rigward tal-eżistenza ta' din it-tinda huwa qagħad biss fuq dak li qallu l-konvenut Dingli, billi huwa ma vverifikax din iċ-ċirkustanza qabel ma għamel u bagħat l-iskeda lill-War Damage Commission, fejn iddeskriva dik it-tinda u stmaha b'dak il-prezz; u dan għalkemm, meta huwa mar fuq il-post biex jivverifika l-iskeda, it-tinda ma kienetx hemm, huwa ma nsistiex mal-konvenut Dingli biex dana kien jgħidlu kif kien jaf b'dik it-tinda. Kieku nsista, il-konvenut Dingli ma kienx żgur jirrispondieħ, għaliex dan il-konvenut, kif xehed (fol. 106 tergo), kien jaf bl-istess tinda skond kif kienu jgħidu n-nies, u mhux għaliex huwa stess kien xi darba raha; huwa qatt ma mar jara x-xogħol li kien qiegħed isir, u x'rikostruzzjoni kienet saret jew kienet qegħedha ssir minflok it-tinda, biex ikun jista' jiġġustifika l-mandati li kien bagħat lill-War Damage Commission fl-ammont ta' kull wieħed minnhom, imma kien joqgħod dejjem fuq dak li kien jgħidlu l-konvenut Dingli

jew l-impjegat tiegħu. Kif xehed ir-rappreżentant tal-War Damage Commission, l-attur, qabel ma għamel *il-mandati* tax-xogħolijiet li saru, kien imissu mar fuq il-post biex jara jekk dik it-tinda kienetċ teżisti (fol. 84 tergo). U kif ingħad, l-attur jammetti *illi fil-fatt, meta huwa mar jagħmel* il-lista tal-ħsarat, it-tinda ma kienetċ teżisti (fol. 59), u illi huwa ma vverifikax mal-War Damage Commission dak li qallu l-konvenut Dingli *rigward dik it-tinda* (fol. 59 tergo); huwa mill-ewwel kien jaf illi t-tinda ma saretċ (fol. 60), u ntant il-War Damage Commission bagħat jinfurmaha, meta bagħat il-kontijiet tax-xogħol *li kien sar*, illi dik it-tinda kienet saret (fol. 70 tergo). Dawn il-fatti juru illi l-attur ma kienx prudenti u diliġenti, u għandu jimputa lilu nnifsu l-ħsara *li huwa jilmenta minnha.* Huwa jista' talvolta għandu azzjoni għad-danni kontra l-konvenut Dingli, jekk dana nduċieħ f'xi żball jew ħtija fil-formazzjoni tal-iskeda tax-xogħolijiet u f'dik tal-mandati, għalkemm dana l-konvenut jgħid illi huwa dejjem mexa taħt id-direzzjoni tal-attur (fol. 105);

Illi, rigward *it-talba tal-konvenut* Dr. D'Agostino, irġunijiet addotti minn dan il konvenut fin-nota tal-eċċezzjonijiet tiegħu biex il-mandat tal-impediment tal-partenza li l-attur *ottjena kontra tiegħu* fil-5 ta' Marzu 1951 jiġi revokat, u biex *l-attur jiġi kundannat* għall-penali u għaddanni, mhuwiex sostenibbli. "*Non si può revocare un mandato se non* quando risulta che lo stesso fu ottenuto *maliziosamente; tale malizia non si può desumere dal solo* fatto di non avere l'esecutante raggiunto le sue prove contro l'esecutato" (Vol. XXVIII-III-1161). U ma jirriżultax illi l-attur ottjena dak il-mandat kontra l-imsemmi konvenut b'xi malizzja. Lanqas ma jidher illi l-attur ma kienx b'xi mod ġustifikat, jew illi ma kellux xi raġuni biex jaħseb illi kien ġustifikat jitlob l-ispedizzjoni ta' dak il-mandat kontra l-istess konvenut; u għalhekk huwa ma għandux jiġi kundannat għall-penali u għad-danni. "Pei fini della penale occorre che il cautelante non fosse affatto giustificato, se non avesse verun motivo di credersi giustificato a domandare la spedizione del mandato" (XXVIII-

III-749). "Chi usa di un suo diritto in buona fede e senza atti fittizi non può essere tacciato di averne abusato" (Vol. XXVIII-III-866);

Rat fol. 149 il-petizzjoni tal-attur, li biha talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi riformata, billi tiġi konfermata fil-kap li bih irrespinġiet it-talba tal-Avukat Dr. D'Agostino, kontenuta fin-nota tal-eċċezzjonijiet tiegħu bl-ispejjeż kontra tiegħu, u billi tiġi revokata fil-kap fejn irrespinġiet it-talba tal-attur bl-ispejjeż kontra tiegħu, u billi tiġi akkolta t-talba kontenuta fiċ-ċitazzjoni; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellati;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Brevement, il-fatti huma dawn. L-attur kien il-perit inkarikat fir-rikostruzzjoni tal-fondi danneġġjati b'effett tal-gwerra u msemmijin fiċ-ċitazzjoni, ta' proprjetà tal-konvenut Galea. Il-kuntrattur li għamel ix-xogħol kien il-konvenut l-ieħor Emmanuele Dingli. Fir-relazzjonijiet mal-War Damage Commission il-ħlas kien isir mill-istess Commission, skond is-sistema allura viġenti ta' "unpriced schedules", fuq mandati firmati mill-attur. L-ammont reklamat għar-rikostruzzjoni kien ta' £2158. 6. 9. In segwitu, meta saru l-verifiki tax-xogħol mill-periti tal-Commission, ġie deċiż li dak l-ammont kellu jiġi ridott bis-somma ta' £822. 4. 10, u li konsegwentement l-ammont likwidat a favur ta' sid il-fond kien ir-residwu ta' £1275. 1. 11. Issa, il-Commission kienet ġa ħallset fuq il- mandati tliet ammonti, ta' £800, £800, u £200, li jġibu s-somma globali ta' £1800; u għalhekk il-Commission irreklamat ir-restituzzjoni tal-"over-payment" ta' £523. 18. 1 (£1800 meno £1275. 1. 11). Dan l-eċċess ġie restitwit lill-Commission mill-attur (ara dokument fol. 5), peress li t-tliet pagamenti fuq imsemmijin kienu saru fuq mandati li fihom l-attur iddikjara espressament, skond ma kien preskritt fil-formula appożita, illi "...... the War Damage Commission may pay on the security of this document, and on my own financial responsibility, the sum of......" (ara dokumenti fol. 12, 13 u 14). Dawn il-pagamenti kienu saru kollha lill-konvenut

l-ieħor Dr. D'Agostino, bħala l-persuna li ġiet mis-sid, il-konvenut Galea, awtorizzata biex tiġbor il-flus (xhieda P. L. Ellul, fol. 55 tergo);

Ikkunsidrat;

L-attur għalhekk istitwixxa din l-azzjoni, biex tiġi lilu restitwita din is-somma mill-konvenuti, jew minn għand min minnhom hu responsabbli;

L-attur ibbaża l-azzjoni tiegħu fuq dawn it-tliet kawżali, ċjoe';— (I) li b'effett tal-pagament hu ġie surrogat fid-drittijiet tal-War Damage Commission sabiex jitlob lura s-somma tal-indebitu; (2) li bl-eċċess ġie lokupletat il-konvenut Galea, peress li l-flus żejda ntefqu fi ħwejġu; (3) li meta l-attur ħallas, hu aġixxa bħala garanti tal-"claimant", u kwindi għandu regress kontra d-debitur garantit;

L-attur semma wkoll "kwalunkwe titolu u kawża oħra valida fil-liġi"; però, għas-sens tal-ġurisprudenza, din il-lokuzzjoni ma tintitolax lil-attur li jirradika l-azzjoni fuq xi kawżali oħra minnu mhux speċifikatament indikata;

Kwantu għall-konvenut Avukat Dottor D'Agostino;

Il-pożizzjoni ta' dan il-konvenut għandha tiġi kunsidrata taħt l-ewwel u t-tielet domanda; għaliex kwantu għat-tieni talba, din hi speċifikatament bażata fuq il-lokupletazzjoni li suppost ibbenefika biha l-konvenut Galea fi ħwejġu;

Kif jidher mill-parti razzjonali tas-sentenza appellata, l-Ewwel Qorti nterpretat l-ewwel talba bħal li kieku kienet tirriferixxi għall-istadju li fih is-somma tal-indebitu ġiet rifuża mill-attur lill-Gvern. Difatti dik il-Qorti, meta ġiet biex teżamina l-iżball, għall-finijiet tal-indebitu, irraġunat li l-attur ma setgħax ħa żball "meta rrifonda s-somma". Din l-interpretazzjoni però, tal-ewwel domanda, ma hijiex korretta. Infatti, fil-premessi taċ-ċitazzjoni l-attur qal hekk:— "U illi huwa jinsab, in vista' ta' din ir-rifużjoni, surrogat fid-drittijiet u azzjonijiet tal-War Damage Commission għar-restituzzjoni tal-imsemmi indebitu ta' £523. 18. 1......";

Hu ċar, għalhekk, li l-pretiża tal-attur, kif inkorporata fl-ewwel domanda, hija li in forza tal-pagament minnu

magħmul lill-Gvern, b'titolu ta' rifużjoni ta' ndebitu, hu ġie surrogat fid-drittijiet tal-Gvern, u għalhekk issa hu stess għandu d-dritt li jirreklama r-restituzzjoni tas-somma tal-indebitu minnu rifuża;

Ma jidherx li jista' jkun hemm dubju li l-attur kellu favur tiegħu din is-surroga. Infatti, hi liema hi l-portata ġundika tal-obligazzjoni oriġinarjament assunta mill-attur viv-a-vis l-Gvern bil-kliem "on my own financial responsibility", sija jekk tiġi rigwardata bħala obligazzjoni awtonoma "sui generis', sija jekk titqies bħala garanzija sussidjarja, hu indubitat li l-attur, bħala pagant "obligat ma' oħrajn jew għall-oħrajn", ġie surrogat b'liġi, għas-sens tal-art. 1209(c) Kap. 23;

Hu però ugwalment indubitat li l-konvenut Dr. D'Agostino kien qiegħed jaġixxi "procuratoris nomine". Infatti, il-kwal tà tiegħu ta' "claimant" kienet tidderivalu mill-inkariku li taħ is-sid, ċjoè l-konvenut Galea, kif jirriżulta, oltrekkè mill-kumpless tal-provi kollha, anki partikularment mix-xhieda tal-Prokuratur Legali Fortunato Ellul, rappreżentant tal-War Damage Commission, li fil-fol. 55 tergo semma t-termini ta' dan l-inkariku kif reġistrat fil-filza uffiċjali. Din il-kwalità ta' mandatarju ta' Dr. D'Agostino kienet nota mhux biss lill-Commission li ħallset l-indebitu, imma anki lill-attur li rrifondieħ; għaliex l-attur stess, fil-mandati li kien jibgħat lill-Commission (fol. 12 et seq.), kien jindika bħala "claimant" lil Dr. D'Agostino, fil-waqt li kien jaf li s-sid kien il-konvenut Galea; tant li hu stess qal (fol. 60 tergo) li l-"file" tiegħu kien f'isem Galea. Ġa ladarba, għalhekk, Dottor D'Agostino kien qiegħed jaġixxi bħala "nudus minister" ta' Galea, u ġa ladarba din il-kwalità tiegħu ta' mandatarju kienet nota sija għall-paganti oriġinali (il-Gvern), sija għall-pagant surrogat (attur), skond il-liġi hu ma setgħax jikkuntratta ebda obligazzjoni favur it-terzi (Gvern u attur), imma seta' biss jorbot il-mandant tiegħu, il-konvenut Galea; basta, s'intendi, li hu aġixxa fil-limiti tal-mandat tiegħu (art. 1981, 1982 Kap. 23); u basta ma sarx responsabbli "ex alio titulo" b'xi fatt illeċitu tiegħu (1976(1) ibidem);

Il-provi juru li Dr. D'Agostino aġixxa regolarment fil-limiti tal-inkariku lilu mogħti. Infatti rriżulta li hu rċieva minn għand il-Commission tliet pagamenti, wieħed ta' £800, ieħor ta' £800, u ieħor ta' £200 (dawk riferiti fol. 12. 13 u 14). Irriżulta li hu ħallas l-ewwel pagament ta' £800 lill-konvenut Dingli għal xogħolijiet li kienu saru sal-jum tal-pagament fil-fondi "de quibus". Dan ġie stabbilit bix-xhieda tal-istess Dr. D'Agostino, fol. 18 tergo, konfermata bix-xhieda tal-konvenut Dingli, fol. 103, bl-irċevuta fol. 29, u mhix kontradetta bl-ebda prova. Kwantu għall-pagament minnu riċevut ta' £800 oħra, iċ-cheque relattiv ġie minn Dr. D'Agostino ġirat favur il-konvenut Galea fuq rikjesta tal-istess Galea mandant tiegħu; dan hu stabbilit mix-xhieda tal-istess Dr. D'Agostino, fol. 18 tergo u fol. 19, u konfermat mill-istess konvenut Galea, fol. 91. Kwantu għall-pagament ta' £200, dan ġie mħallas lill-konvenut Dingli, dejjem in konnessjoni max-xogħol tiegħu ta' kuntrattur f'dawn il-postijiet, kif jirriżulta mix-xhieda tal-istess Dr. D'Agostino, fol. 19, dik tal-konvenut Dingli, fol. 103, u mill-irċevuta fol. 29, mhux kontradetti minn ebda prova;

Għalhekk, ir-restituzzjoni tas-somma li l-attur ħallas lill-Gvern b'titolu ta' rifużjoni tal-indebitu ma tistax tintalab kontra Dr. D'Agostino, li rċeviha bħala mandatarju, ġa ladarba l-kwalità tiegħu kienet nota, u ġa ladarba aġixxa fil-limiti tal-mandat;

Lanqas jista' Dr. D'Agostino jiġi karikat b'xi responsabbiltà taħt it-tielet talba; għaliex, għalkemm l-attur, meta ħareġ il-mandat (li fuqu kellu jsir il-ħlas mill-Commission) fuq ir-responsabbiltà finanzjarja tiegħu, kien qiegħed b'daqshekk jassumi garanzija għall-"claimant" favur il-Commission, ċjò non ostanti kien notorju li Dr. D'Agostino kien qiegħed jaġixxi, mhux f'ismu u fl-interess proprju, imma bħala inkarikat tal-konvenut Galea, u in definittiva l-garanzija kienet favur Galea, li bħala mandant kien għalhekk il-veru titolari tal-"claim";

Għalhekk il leġittimazzjoni passiva tal-azzjoni fil-persuna ta' Dr. D'Agostino ma sseħħx;

Kwantu għall-konvenut William Galea;

Dan hu potenzjalment milqut bit-tliet domandi. Hu milqut esklużivament bit-tieni waħda, għaliex din issemmi l-lokupletazzjoni minnu goduta fi ħwejġu. Hu milqut bl-ewwel u t-tielet waħda għaliex, għad li r-riċevent tal-pagamenti kien Dr. D'Agostino, u għad li l-"claimant" għall-finijiet tal-proċeduri tal-War Damage Commission kien Dr. D'Agostino, il-veru interessat kien il-mandant tiegħu, ċjoè Galea. Għandu jiġi notat li l-attur, b'riferenza għad-domandi kollha, talab il-kundanna tal-konvenuti kollha, jew min minnhom jirriżulta debitur;

Issa, ma jidherx li jista' jkun hemm dubju li dawk is-somom ta' £800, £800 u £200 tħallsu b'inkariku tal-konvenut Galea mill-mandatarju tiegħu, u li fl-intenzjoni tal-paganti tħallsu għal xogħlijiet li saru fil-fondi ta' dan Galea. A propożitu tal-ewwel £800, Dr. D'Agostino qal hekk (fol. 18 tergo): — ...... A propożitu tat-tieni £800, il-konvenut Galea qal hekk (fol. 90 tergo u 91): — ...... A propożitu tal-£200, Dr. D'Agostino qal, fol. 19: — ......;

Hu veru li fl-okkażjoni tal-pagament lil Dingli tal-ewwel £800, dan bihom irrestitwixxa dejn ta' £300 li kellu mal-istess Dr. D'Agostino, u hu veru li, kwantu għall-£200 dawn ġew minn Dingli mogħtija lil Dr. D'Agostino b'restituzzjoni parzjali ta' self ieħor tiegħu; imma b'daqshekk ma jiġix li dawk is-somom ma kienux mogħtija lil Dingli bl-intendiment li kienu bi ħlas ta' xogħlijiet li kienu saru. Lanqas ma għandu wieħed jinsa li mis-somma mħallsa mill-Commission ta' £1,800, Dingli rċieva mhux is-somma kollha, iżda £1,000, u żgur li xogħlijiet għas-somma ta' £1,276. 1. 11 saru, għax din is-somma ġiet rikonoxxuta bħala dovuta mill-Commission fuq il-mandati tax-xogħlijiet li ġew mibgħuta (ara fol. 15);

Jekk il-konvenut Dingli għamelx jew le x-xogħlijiet kollha li kellu jagħmel u li għalihom ħallset il-Commission; jekk fil-konteġġi bejn il-konvenut Galea u l-konvenut Dingli, abbraċċjanti dawn il-konteġġi anki x-xogħlijiet "extra", li, kif jirriżulta, Galea kkommissjona lil Dingli,

dan Dingli jirriżultax jew le kreditur jew debitur; jekk in segwitu għal dawn il-konteġġi u verifiki tax-xogħol, jirriżultax li l-eċċess imħallas mill-*Commission* spiċċa in definittiva fil but ta' Dingli; dawn huma rapporti esklużivament bejn il-konvenut Galea u l-konvenut Dingli, li għandhom jibqgħu mpreġudikati, *imma ma* għandhomx x'jaqsmu mat-talba tal-attur għar-rifużjoni ta' somma li hu ħallas fl-interess ta' Galea;

Infatti, anki apparti jekk jew le fil-fatt dan l-eċċess ta' £523. 18. 1 marx a benefiċċju ta' Galea fis-sens li effettivament ġie impjegat għall-ħlas ta' xogħlijiet fil-postijiet tiegħu — u ċertament dan il-pont ma ġiex istruwit b'mod li jista' jingħad kjarit — hu fatt però li s-somma tal-indebitu ġiet imħallsa lill-mandatarju tal-konvenut Galea, u li dan il-mandatarju żamm ruħu fil-limiti tal-poteri tiegħu;

Għalhekk, il-pożizzjoni ġuridika tissintetizza ruħha hekk: — Is-somma tal-indebitu tħallset mill-Commission lill-konvenut Galea per mezz tal-mandatarju tal-istess Galea, u din is-somma issa għandu jeħodha l-attur b'effett tas-surroga fid-drittijiet tal-Commission. Minn dan jiġi li l-attur għandu d-dritt li jirrepeti s-somma tal-indebitu minn għand il-konvenut Galea;

A propożitu ta' din is-sintesi tal-aspett ġuridiku tal-każ, għandu jiżdied: —

1. Li għalkemm hu veru li quddiem il-Commision il-"*claimant*" kien *Dr. Agostino*, dan però kien biss għall-konvenjenzi dipartimentali, iżda ma jista' qatt jaltera r-regoli tal-mandat u l-effetti ġuridiċi ta' dawk ir-regoli;

2. Illi l-indebitu jintalab kontra min irċevieħ; f'dan il-każ irċevieħ il-konvenut Gelea per mezz tal-mandatarju tiegħu Dr. D'Agostino; u hu risaput li "qui per alium fecit ipse fecisse videtur". Anki jekk fi proċeduri oħra kellu jirriżulta li s-somma tal-indebitu ma gietx użata fix-xogħolijiet ta' Galea, imma baqgħet f'idejn il-konvenut Dingli, dan jista' jirrifletti r-rapport eventwali bejn Galea u Dingli, imma ma jistgħax ifixkel l-attur (surrogat fid-drittijiet tal-

Gvern) li jitlob is somma tal-indebitu "minn għand min irċevieħ". Dan hu aktar u aktar veru taħt il-Liġi Maltija, li (għad-differenza tad-dritt Taljan u Franċiż, fejn ma hemmx dispożizzjonijiet simili), milli jidher, segwiet id-Dritt Ruman filli rrestringiet l-effetti tal-indebitu bejn is-"solvens" u l-"accipiens", u ma estendiethomx għat-terz li jirċievi minn għand l-"accipiens" (ara art. 1071 Kap. 23 u art. 1376 et seq. tal-Kodiċi Franċiż u l-art. 1145 et seq. tal-Kodiċi Taljan, li fihom dispożizzjoni simili ma tirrikorrix; u ara wkoll Fr. 36 "de adquirendo rerum dominio", XLI, 1, u Instit. Lib. De Actionibus, para. 1 u 14);

Id-dritt tal-attur kontra l-konvenut Galea hu anki radikat fuq li hu fil-fatt ħallas, b'effett tal-assunzjoni kontrattwali inkorporata fil-kliem "on my own financial responsibility", dejn li diversament kien ikollu jħallas il-konvenut Galea. Difatti, ma jistgħax jiġi serjament dubitat li, kieku ma kienx hemm din il-klawsola impenjattiva tar-responsabbiltà tal-attur, il-Commission kienet tkun intitolata li titlob ir-restituzzjoni tal-indebitu minn għand il-mandant ta' Dr. D'Agostino, bħala dak li, per mezz tal-istess Dr. D'Agostino, mandatarju tiegħu, irċieva l-flus;

Għalhekk, għalkemm ma hemmx elementi probatorji suffiċjenti, minħabba istruzzjoni inkompleta tal-każ, biex wieħed jista' jgħid jekk l-eċċess imħallas mill-Commission ġiex fil-fatt minfuq fix-xogħlijiet fil-postijiet tal-konvenut Galea, b'mod li dan ġie "pro tanto" indebitament arrikkit, però Galea hu tenut di fronti għall-attur sija bħala dak li rċieva l-indebitu per mezz tal-mandatarju tiegħu (sija pure jekk awtorizza lill-mandatarju tiegħu jħallas il-flus lil Dingli), u anki in vija ta' regress bħala debitur tal-indebitu li, minfloku, ħallas il-garanti, cioè l-attur;

Kif ingħad, xejn ma jimporta li l-konvenut Galea awtorizza lil Dr. D'Agostino jagħti l-flus lill-konvenut Dingli (meno t-tieni £800, li ħa hu stess); għaliex responsabbli primarjament għar-rifużjoni tal-indebitu, partikolarment taħt il-liġi tagħna, hu l-"accipiens", u mhux dak li lilu l-"accipiens" ikun għadda l-indebitu. Is-"solvens" għandu l-jedd

jazzjona l-"accipiens", u ma għandux bżonn jippreokkupa ruħu b'dak li jilu l-"accipiens" ikun ta l-indebitu;

Kwantu għall-konvenut Emmanuele Dingli;

Għal maġġur kjarezza għandu jingħad li, għalkemm għall-ewwel dan il-konvenut kien ġie awtorizzat mill-konvenut l-ieħor Galea biex jieħu l-flus minn għand il Commission (ara xhieda P.L. Ellul fol. 55), in segwitu ġie kostitwit il-konvenut Dr. D'Agostino (fol. 55 tergo), u fil-fatt il-konvenut Dingli ma laħaq ħa xejn; għax sakemm ġie revokat il-mandat tiegħu l-Commission ma kienet għadha għamlet ebda ħlas. Ebda responsabbiltà, għalhekk, ma tista' tir-rikadi fuqu taħt dan l-aspett;

Għall-bqija, dan il-konvenut, għar-raġunijiet li fuq ingħadu, ma jista' jkollu ebda responsibbiltà fl-istanza odjerna. Dingli jista' se maj, ikun tenut versu l-konvenut l-ieħor Galea kwante volte, wara li tiġi likwidata l-pożizzjoni ta' bejniethom, jirriżulta li l-flus tal-indebitu ma marrux għab-beneficċju ta' Galea, imma għab-benefiiċċju ta' Dingli, billi, per eżempju, dan nefaqhom mhux fi ħwejjeġ Galea, iżda xort'oħra;

Fl-aħħarnett, għandu jiġi rilevat: —

1. Li l-fatt li talvolta l-attur ma qagħadċ attent biżżejjed fir-redazzjoni tal-"claim", billi ma vverifikax personalment il-ħsarat, ma jista' qatt ineħħilu d-dritt tiegħu taħt l-istanza odjerna. Dan in-nuqqas jista', se maj, iġib għal responsabbilitajiet u sanzjonijiet oħra taħt il-War Damage Ordinance, imma ma jistax ibiddel il-pożizzjoni ġuridika kif fuq delineata; salv, però, li jittieħed qies ta' dan in-nuqqas tiegħu fl-inċidenza tal-ispejjeż;

2. Lanqas jimmilita kontra l-attur il-fatt li hu ħallas l-indebitu bla ma kkontestaħ. Hu kien tenut iħallas minnufiħ. Infatti, fl-ittra tal-Commission fol. 15 tergo jingħad hekk:— "In view of the fact that the above over-payment was made on the strength of your 'mandati', dated 6th August, 1947, 25th October, 1947, and 7th January, 1948, you are requested to refund 'immediately' the said

sum of £523. 18. 1 to the Treasurer of the Maltese Government, who is being advised on the refund due by you. Any counter-observations which you may wish to submit should be made in writing to the Commission 'after' the refund has been made";

Del resto, l-attur ħallas lill-Commission taħt protesta (ara xhieda tiegħu fol. 60 tergo), u b'hekk ma pprekluda lil ħadd biex jikkontesta l-indebitu. Għandu jiġi wkoll notat li bl-ebda manjiera ma ġie pruvat, jew tentat li jiġi pruvat minn xi ħadd mill-konvenuti, li huma setgħu jikkontestaw b'suċċess ir-reklam tal-indebitu meta talbitu l-Commission (ara arg. art. 2051(2) Kap. 23);

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi;

Billi tirriforma s-sentenza appellata f'dan is-sens:—

Tiċħad it-talbiet in kwantu diretti kontra l-konvenut Dr. D'Agostino, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur;

Tiċħad it-talbiet in kwantu diretti kontra l-konvenut *Emmanuele Dingli*. *Peress li* dan il-konvenut ma għamel ebda prova li setgħet tajjuta fl-indaġini dwar fejn in definittiva marru l-flus tal-eċċess, għalhekk l-ispejjeż fil-konfront tiegħu jibqgħu bla taxxa; dritt tar-Reġistru għakkariku tal-attur;

Tiċħad, bħala mhux sufficjentement pruvata, it-tieni domanda in kwantu diretta kontra l-konvenut Galea; bl-ispejjeż kontra l-attur;

Tilqa' l-ewwel u t-tielet talba in kwantu diretti kontra *l-konvenut Galea*, u *in bażi għal dawk iż-żewġ domandi* tikkundannah iħallas lill-attur is-somma ta' £523. 18. 1, bl-imgħaxijiet tal-ħamsa fil-mija minn notifika taċ-ċitazzjoni; bl-ispejjeż bla taxxa;

Tirriżerva favur l-istess konvenut Galea kull dritt tiegħu "si et quatenus", kontra l-konvenut l-ieħor Dingli għar-rigward ta' dan l-indebitu;

U b'hekk ipprovdiet fuq l-appell.